**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-11 ta' Jannar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio – l-Italja) – Amber Capital Italia Sgr SpA (C-654/16), Amber Capital Uk Llp (C-654/16), Bluebell Partners Limited (C-657/16), Elliot International LP (C-658/16), The Liverpool Limited Partnership (C-658/16), Elliot Associates LP (C-658/16) vs Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)**

**(Kawżi magħquda C-654/16, C-657/16 u C-658/16)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Dritt tal-kumpanniji — Direttiva 2004/25/KE — Offerti ta' xiri — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) — Possibbiltà li jiġi emendat il-prezz tal-offerta f'ċirkustanzi u skont kriterji ddeterminati b'mod ċar — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-iffissar tal-prezz tal-offerta għall-prezz ikkonstatat fil-każ ta' kollużjoni bejn l-offerent jew persuni li jkunu qed jaġixxu bi ftehim miegħu u bejjiegħ jew numru ta' bejjiegħa — Kunċett ta' "kriterju ddeterminat b'mod ċar")***

(2018/C 083/10)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Amber Capital Italia Sgr SpA (C-654/16), Amber Capital Uk Llp (C-654/16), Bluebell Partners Limited (C-657/16), Elliot International LP (C-658/16), The Liverpool Limited Partnership (C-658/16), Elliot Associates LP (C-658/16)

*Konvenuta:* Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

*Fil-preżenza ta':* Hitachi Railltaly Investments Sri, Hitachi Railltaly SpA, Ansaldo Sts SpA (C-654/16), Finmeccanica SpA

**Dispożittiv**

*It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2004/25/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, fuq offerti ta' xiri, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-awtorità nazzjonali ta' kontroll iżżid il-prezz ta' offerta pubblika ta' xiri fil-każ ta' kollużjoni bejn l-offerent jew il-persuni li jaġixxu bi ftehim miegħu u bejjiegħ jew numru ta' bejjiegħa, billi sempliċement tipprovdi, fir-rigward tal-prezz li għalih din l-offerta tista' tiġi emendata, li dan jikkorrispondi għall-prezz ikkonstatat minn din l-awtorità, sa fejn dan il-prezz jista' jitnaqqas b'mod suffiċjentement ċar, preċiż u prevedibbli mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kollha, permezz ta' metodi ta' interpretazzjoni rikonoxxuti mid-dritt intern.*

[1] ĠU C 121, 18.4.2017

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Jannar 2018 – Monster Energy Company vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

**(Kawża C-678/16)** [1]

***(Appell — Regoli tal-Proċedura — Artikolu 181 — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "HotoGo self-heating can technology" — Trade mark kumplessa — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Oppożizzjoni — Ċaħda — Appell manifestament inammissibbli")***

(2018/C 083/11)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Monster Energy Company (rappreżentant: P. Brownlow, Solicitor)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Monster Energy Company hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 144, 8.5.2017.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-14 ta' Diċembru 2017 – Verus Eood vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Maquet GmbH**

**(Kawża C-101/17)** ([1])

***(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea LUCEO — Dikjarazzjoni ta' invalidità)***

(2018/C 083/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Verus Eood) (rappreżentant: C. Pfitzer, Rechtsanwalt)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: A. Schifko, aġent), Maquet GmbH (rappreżentant: N. Hebeis, Rechtsanwalt)

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Verus EOOD hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 195, 19.6.2017.

---

**Appell ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2017 minn Miguel Torres, SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-31 ta' Mejju 2017 fil-Kawża T-637/15 – Alma – The Soul of Italian Wine vs EUIPO**

**(Kawża C-499/17 P)**

(2018/C 083/13)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Miguel Torres, SA (rappreżentant: A. von Mühlendahl, Rechtsanwalt, J. Güell Serra, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Alma – The Soul of Italian Wine LLLP, L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea